MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Omissis 1**
**Omissis 2**
**Omissis 3**
**Anthony Fabri**
**Spiridione Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Omissis 1, Omissis 2, Omissis 3, Anthony Fabri u Spiridione Aquilina** talli fit-3 ta' Frar 1995 u fil-gimghat ta' qabel fil-Malta Drydocks, Omissis 1 u Omissis 2 bhala Foremen, Anthony Fabri bhala l-Gastester, Omissis 3 bhala l-Kimiku, u Spiridione Aquilina bhala General Manager, ilkoll bhala l-persuni responsabbli mill-management tal-Malta Drydocks:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, senjatament

ir-regolamenti tal-1986 dwar il-Fabbriki (A.L. 52/86) ikkagunaw il-mewt ta' George Aquilina, Angelo Sciberras, Charles Callus, Simon Mifsud, Anthony Vassallo, Mario Hales, Simon Pisani, Paul Seguna u George Xuereb;

2. kif ukoll b'istess mod ikkagunaw offizi involontarji ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Francis Spiteri, Ivan Mizzi, Malcolm Fenech, Brian Farrugia, Vincent Vella, Carmelo Bugeja, Reuben Mallia u Anthony Bonnici;
3. kif ukoll talli bl-istess mod ikkagunaw hsara involontarja fil-bastiment "Um El Faroud" ghad-dannu tal-kaptan Abdul Halim Ismail.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imhallef tas-26 ta' Ottubru 2017 wara li l-kawza kienet thalliet *sine die* fid-19 ta' Mejju 2011;

Rat illi din il-kawza giet appuntata minn din il-Qorti ghas-seduta tat-2 ta' Frar 2018;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2019 il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju, liema talba giet milqugha;

Rat illi fl-istess seduta l-Qorti ikkonvertiet ruhha f'wahda ta' Gudikatura Kriminali kwantu l-pieni ghall-imputazzjonijiet odjerni kif vigenti fis-sena 1995 huma ta' kompetenza originali ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-lum stess il-Qorti qajjmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-imputazzjonijiet kollha ai termini tal-Artikolu 688 (d) u (e) tal-Kodici Kriminali;

**Ikkunsidrat:**

Illi mic-citazzjoni jirrizulta illi l-imputati jinsabu akkuzati dwar reati li sehhew **"fit-3 ta' Frar 1995 u fil-gimghat ta' qabel fil-Malta Drydocks".**

Illi mir-riferti tal-imputati li jinsabu esebiti a fol. 5 u 8 tal-process jirrizulta illi kollha kemm huma **gew notifikati bic-citazzjoni fis-27 ta' Jannar 2000.**

Jirrizulta wkoll illi ghal zmien twil l-imputati ma kinux qeghdin jidhru peress li l-Prosekuzzjoni kienet qieghda titlob differimenti peress li kien hemm xi proceduri civili pendenti li jaffettwaw direttament il-mertu ta' din il-kawza (verbal a fol. 33, 36, 39), sakemm finalment il-Qorti diversament presjeduta, wara li ghal hdax-il sena ma sar xejn f'din il-kawza, halliet l-istess kawza *sine die* (verbal a fol. 50). Jirrizulta li **l-ahhar darba li dehru l-imputati quddiem il-Qorti diversament presjeduta kien fl-1 ta' Gunju 2007** (verbal a fol. 40).

Illi jirrizulta illi wara li din il-Qorti irriappuntat il-kawza, l-imputati dehru l-ewwel darba quddiemha fis-seduta tal-lum stess. Ghalkemm saret xi komunikazzjoni bejn l-imputati u l-Prosekuzzjoni, din il-Qorti m'ghandha esebita l-ebda riferta biex tivverifika meta gew notifikati l-imputati wara r-riappuntament. Kwindi bejn l-ahhar darba li dehru l-imputati quddiem il-Qorti diversament presjeduta sas-seduta tal-lum **ghaddew iktar minn tnax-il sena**.

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' omicidu involontarju, it-tieni imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' offizi ta' natura gravi involontarji u t-tielet imputazzjoni tirrigwarda hsara involontarja fuq il-bastiment "Um El Faroud".

Illi ghalhekk l-iktar reat gravi minn dawn it-tlieta huwa dak tal-omicidju involontarju li fiz-zmien meta sehh l-allegat reat kien punit b'massimu ta' sentejn prigunerija jew multa li ma teccedix l-elfejn lira Maltin (Lm2,000). It-tieni imputazzjoni kienet iggorr maghha piena ta' massimu sitt (6) xhur prigunerija jew multa ta' massimu elf lira Maltin (Lm1,000) u t-tielet imputazzjoni piena ta' massimu tliet (3) xhur prigunerija jew multa.

Illi jirrizulta illi permezz tal-Att III tal-2002 saret emenda f'artikolu 687 (2) tal-Kodici Kriminali u dan rigward l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li stabbiliet illi *"iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li l-imputazzjoni u, jew att ta' akkuza, jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata s-sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu nbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza."* Qabel tali zieda kien applikabbli biss l-artiklu 693 tal-Kodici Kriminali li fis-subartikolu (1) jipprovdi *"Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-procediment li jigi notifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat."*

Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tieghu dwar Procedura Kriminali jghid dwar sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn l-azzjoni tibda taht ligi wahda u tigi terminata wara li ligi gdida tidhol fis-sehh:

***"The most commonly accepted doctrine is that where the laws which succeed one another vary as to the conditions or effect of prescription, the same principle should apply, as govern the operation of substantive criminal law in the same circumstances i.e.:***

***(1) That the law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the law was in force;***

***(2) That nevertheless, the provisions of a subsequent law which comes into operation after the commencement of prescription apply retrospectively if they are more favourable to the defendant."***

Rigward l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, il-Professur Sir Anthony Mamo jghid:

"*In order that the acts of the proceedings may interrupt prescription it is necessary that they be served on the person charged or accused. Service is effected by delivering the act to the person himself or, where he cannot easily be found, by leaving the act at his usual place of abode (sec. 374). In Criminal Appeal Police vs Schembri, 20/9/1930 (Mercieca C.J.) Law Reports XXVII, Pt. Iv, p. 822, it is stated as follows: 'As the law requires for the interruption of prescription the service of the act of the proceedings, all oral notices of the adjournment of the case do not avail for the purpose. In order that the adjournment of the case as an act of the proceedings may have the effect of interrupting prescription in regard to the offence charged against the accused, it is necessary that he shall be served with a written copy of the order of adjournment. A mere notice will not be sufficient.' This principle was also applied by Harding J. in Criminal Appeal Police vs Darmanin 22/7/46 where it was stated: 'The running of prescription is interrupted by an act of the proceedings served on the accused. But apart from adjournments made "seduta stante" it is necessary that the act of the proceedings whereby the case is adjourned shall be served on the accused by means of a written copy. A proces verbal in the record of the proceedings is not sufficient" (Vide also Cr. App. Police vs Bigeni, 16/12/46 and Cr. App. Police vs Vella 9/5/1931 – L.R. Vol. XXVIII, P. iv)."*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz ghandha tigi applikata il-ligi tal-preskrizzjoni kif kienet vigenti fil-mument li sehh ir-reat u cioe` qabel ma sehhew l-emendi permezz tal-Att III tal-2002 stante li din hija iktar favorevoli ghall-imputati.

Illi l-azzjoni ghal reat li hu punit b'piena karcerarja ta' sentejn prigunerija hija preskritta bid-dekors ta' hames snin (artikolu 688 (d) tal-Kodici Kriminali).

L-azzjoni ghal reati puniti b'piena karcerarja ta' sitt xhur prigunerija u ghal reati punti b'piena karcerarja ta' tliet xhur prigunerija hija preskritta bid-dekors ta' sentejn.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament car illi ghal kwazi ben tnax-il sena l-imputati ma gewx notifikati bl-ebda att li seta' jikser il-perjodu preskrittiv. Ghaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti l-azzjoni dwar l-imputazzjonijiet kollha hija preskritta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tiddikjara illi l-azzjoni ghall-imputazzjonjiet kollha fil-konfront ta' **Anthony Fabri u Spiridione Aquilina** giet preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini tal-artikolu 688 (d) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, u bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

Ghaldaqstant qieghda tillibera lill-imputati minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur